# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT
## DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

**Seduta ta' nhar il-22 ta' Frar, 2002**

**Numru 6**

**Avviz numru 827/01DM**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Daniel u Carmen mizzewgin Muscat**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-bank attur talab il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef, tliet mija u erbatax-il ligi maltin (Lm4,314.00) import ta' tlieta u erbghin (43) kambjala migbuda mis-socjeta' Paola Motors Limited ga Daewoo (Malta) Limited gia Universal Commerce Agency u ggirati u fil-pussess tas-socjeta' mittenti liema kambjali huma skaduti u mhux imhallsa fil-15 ta' Mejju 1999, 15 ta' Gunju 199, 15 ta' Lulju 199, 15 t'Awissu 1999, 15 ta' Settembru 1999, 15 t'Ottubru 1999, 15 ta' Novembru, 1999, 15 ta' Dicembru 1999, 15 ta' Jannar, 2000, 30 ta' Jannar 2000, 15 ta' Frar, 2000, 28 ta' Frar 2000, 15 ta' Marzu 2000, 30 ta' Marzu 2000, 15 t'April 2000, 30 t'April 2000, 15 ta' Mejju 2000, 30 ta' Mejju 2000, 15 ta' Gunju 2000, 30 ta' Gunju 2000, 15 ta' Lulju 2000, 30 ta' Lulju 2000, 15 t'Awissu 2000, 30 t'Awissu 2000, 15 ta'

Settembru 2000, 30 ta' Settembru 2000, 15 t'Ottubru, 2000, 30 t'Ottubru 2000, 15 ta' Novembru 2000, 30 ta' Novembru 2000, 15 ta' Dicembru 2000, 30 ta' Dicembru 2000, 15 ta' Jannar 2001, 30 ta' Jannar 2001, 15 ta' Frar 2001, 28 ta' Frar, 2001, 15 ta' Marzu 2001, 30 ta' Marzu 2001, 15 t'April 2001, 15 ta' Mejju 2001 rispettivament kopji taghhom esebiti minn dokumenti 'A1 sa A28' u minn dokumenti 'B1 sa B15' flimkien ma l-imghaxijiet ulterjuri mid-data tal-iskadenza tal-kambjali sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 8 ta' Frar 2001 (Dok C) u tal-Mandat ta' Sekwestru u Qbid li gew prezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti ghalkemm dehru fis-seduta tal-14 ta' Dicembru 2001 u talbu differiment sabiex jirregolaw ruhhom, huma ma pprezentaw ebda eccezzjonijiet formali in konstestazzjoni tat-talba attrici u lanqas ma dehru fis-seduta tallum biex jikkontestaw it-talba attrici;

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat id-dokumenti esebiti u semghet bil-gurament il-PL Joseph Zammit rapprezentant tal-bank attur issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma;

U wara lirat ukoll il-kambjali originali, qeghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur is-somma mitlub ta' erba' telef tlit mija u erbatax-il lira indikati fl-avviz, bl-imghaxijiet legali mid-data ta' kull skadenza ta' kull kambjala;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

A. Farrugia

Dep.Reg.

va

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**
**DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 22 ta' Frar, 2002**

**Numru 6**

**Avviz numru 827/01DM**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Daniel u Carmen mizzewgin Muscat**

**Il-PL Joseph Zammit prodott mill-bank attur bil-malti bil-gurament jghid:**

Jiena nikkonferma illi t-tlieta u erbghin kambjala ghall-ammont globali ta' erba' telef tliet mija u erbatax-il lira illi gew esebiti dalghodu stess fl-atti ta' din il-kawza huma ukoll immaturati, skaduti, izda m'humiex imhallsa.
Wara id-debiti interpellazzjonijiet indikati fl-avviz, inkluz il-mandat ta' sekwestru izda l-konvenuti m'ghamlu ebda pagamenti akkont.

Din hija s-sustanza tax-xhieda ta' l-PL Joseph Zammit dettata fil-presenza tieghu.

Magistrat

Niddikjara li traskrivejt fis-sewwa u fedelment u skond l-ahjar taghrif u hila tieghi r-registrazzjoni tat-tape.

V. Attard

Traskrittrici